FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 28 ta' Mejju 2025

**Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Ephraim Bezzina**

Kawża nru. 79/2025 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ephraim Bezzina,** iben Francis Bezzina u Maria Carmela nee` Portelli, imwieled il-Pieta nhar it-13 ta' April 1991 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0218491M,

Akkużat talli ħal ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ta' nhar il-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbilment ESL Gross Market, Triq tal-Labour, Żabbar, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' kaxxa tal-Lego u/jew xi affarijiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Jonathan Fenech f'isem ESL Gross Market u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli f'xi ħin matul il-ġurnata ta' nhar id-disgħa (09) ta' Diċembru tas-sena sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-istabbilment ta' The Model Shop, Ħal Għaxaq u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' Lego Ferrari Kit u/jew xi affarijiet oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Winston Pace f'isem The Model Shop u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli f'xi ħin matul il-ġurnata ta' nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), ġewwa Delimara, Malta u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

3. Ikkaġuna biża lil Anuska Borg Falzon li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mil-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan laħaq il-mira tiegħu, aggravat stante li hija s-sieħba preżenti jew ta' qabel
4. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Anuska Borg Falzon;

Akkużat ukoll talli fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u fil-jiem, ġranet u ix-xhur ta' qabel fil-gżejjer Maltin u d-dintorni tagħhom:

5. Naqas li josserva jew kiser xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' Ordni ta' Trażżin, liema ordni inħarġet b'sentenza definittiva datata nhar l-4 ta' Settembru 2025 maħruġa mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.S. fejn il-Qorti kienet provdiet għas-sigurta ta' Anuska Borg Falzon għal perjodu ta' tlett snin.

Akkużat ukoll talli:

6. Huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza /sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija:

i. Tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. Tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-art. 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali;
iii. Tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
iv. Jekk jidhrilha xierqa tordna Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2025 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, iddikjara illi xtaq jirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuża dedotti kontra tiegħu, u ikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu

żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju 2025 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, iddikjara illi xtaq jirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuża dedotti kontra tiegħu, u ikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-piena, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-piena inflitta għandha tkun dik ta' priġunerija effettiva għall-erba' snin, flimkien ma' Ordni ta' Trattament sabiex l-imputat ikollu l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga. L-avukat tal-parte ċivile kienet preżenti waqt din is-seduta u ddikjarat illi kien hemm qbil minn naħa tal-parte ċivile li din hija l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti rat illi l-piena miftehma bejn il-partijiet hija qrib il-minimu u għalhekk żgur li ma jistax jitqies li hija esaġerata. Fil-fehma tal-Qorti, ikkonsidrat li il-fedina penali tal-imputat, li mhijiex waħda allarmanti, l-ammissjoni irreġistrata minnu u x-xewqa espressa mill-imputat li jegħleb il-vizzju ta' droga, piena qrib il-minimu hija ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Dan ikkonsidrat ukoll il-valur tal-oġġetti misruqa, li wieħed minnhom laħaq il-kwalifika tal-valur b'ċirka €67. Inoltre, l-Qorti tqis li piena ta' priġunerija effettiva hija l-iktar idoneja fiċ-ċirkostanzi, partikularment ikkonsidrat il-provi prodotti fir-rigward tar-reati kommessi kontra l-parte civile Anuska Borg Falzon u b'mod partikolari l-fatt li l-Ordni ta' Trażżin inkiser mill-imputat biss ftit aktar minn tlett xhur wara li ingħata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 251(3), 251H, 251HA, 202(h), 339(1)(e), 382A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal terminu ta' priġunerija ta' erba' snin effettivi.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal ħames snin, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa mhux aktar tard minn ħames snin mill-llum iħallas lil :

i. Jonathan Fenech f'isem ESL Gross Market is-somma ta' tlett mitt ewro (€300)
ii. Winston Pace f'isem The Model Shop is-somma ta' ħames mitt ewro (€500)

rappreżentanti d-dannu soffert minnhom b'konsegwenza tar-reati li tagħhom instab ħati l-imputat.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tilqa` t-talba tal-prosekuzzjoni u tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Anuska Borg Falzon, Doreen Borg Falzon u Louis Borg Falzon kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' ħames snin.

Il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem li jiftiehem l-obbligi u r-responsabbilitajiet naxxenti mill-Ordni ta' Trażżin, u l-Ordni ta' Trattament u r-riperkussjonijiet fil-każ li xi kundizzjoni tiġi miksura.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur